MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Numru. 516/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**GLEN GATT**
**LUCA SCICLUNA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Glen Gatt, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 276090M u l-imsemmi Luca Scicluna, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 415294M.

**Akkuzati talli:**

Nhar is-sebgha u ghoxrin (27) t'April 2013 f'xi hin filghodu gewwa Hal Lija:

1. Ikkommettew serq ta` arma tan-nar u flus kontanti minn gewwa residenza 12, Triq Antonio Azzopardi, Hal Lija liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-ammont ta` elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro (€2,329.37) u bil-lok ghad-detriment ta` Damian u Christine Sant Fournier u / jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli bejn is- sebgha u ghoxrin (27) t'April 2013 f'dawn il-gzejjer:

2. Zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond jew fid-dintorni taghhom arma tan-nar u cioe` pistola semi-awtomatika tal-ghamla **Glock** numru ta` serje RTC496 minghajr ma kellhom licenzja taht l-Att dwar l-Armi;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, naqsu milli javzaw minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-akkwist jew malli giet f'idejhom arma tan-nar u cioe` pistol semi-awtomatika tal-ghamla **Glock** numru ta` serje RTC496;

<u>Lil Glen Gatt wahdu akkuzat ukoll</u>:

4. Talli b'hekk ghamel reat waqt perijodu operattiv ta` *Conditional Discharge* ghal perjodu ta` sentejn (2) moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. J. Padovani, LL.D., nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Novembru 2011.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma` Glen Gatt bhala recidiv a tenur tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Demicoli, LL.D., nhar id-disgha u ghoxrin (29) t'April, 2010, u s-sebgha u ghoxrin (27) ta` Mejju, 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jithassru;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 49, 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 267, 269 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 281 (a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 5 (1), 51 (1) (a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lil imputati hatja kif akkuzati.

Rigward il-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-ammissjoni bikrija taghhom matul it-tul ta' dawn il-proceduri, kif ukoll ir-restituzzjoni tal-arma tan-nar misruqa u flus lill-*parte civile*, u wara li rat il-fedina penali taz-zewg imputati, temmen illi z-zewg imputati ghandhom jigu trattati diversament.

Fir-rigward ta' Luca Scicluna, il-fedina penali hija wahda nadifa u wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-parti hija huwa qed jahdem regolarment, hija tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mill-lum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fir-rigward tal-imputat Glenn Gatt, il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali pjuttost mahmuga tal-istess imputat izda bil-fidi fih stante li huwa ghandu impieg regolari, temmen illi piena karcerarja effettiva ma tkunx tiggova l-futur ta' dan l-istess imputat zaghzugh. Ghaldaqstant hija qeghda wkoll tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mill-lum. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat wara li tiddikjara illi l-akkuza tar-ricediva u ta' ksur ta' *provisional discharge* huwa ppruvat, kif ukoll il-Qorti qeghda tordna *probation order,* ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, fil-konfront tal-istess imputat Glenn Gatt ghal tliet (3) snin bil-kundizzjoni li l-*probation officer* tirraporta kull sitt (6) xhur u wkoll illi huwa jaghmel hamsin (50) siegha ta' *community work* ai terminu tal-Artikolu 11 tal-Artikolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------